

I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-15 ta' Novembru 2007

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus

(BĊE/2007/12)

(2007/C 277/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-istatut tas-SEBĊ"), b'mod partikolari l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/503/KE ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Ċipru tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2008 ⁽¹⁾, Ċipru issa jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-euro, u d-deroga favur ta' Ċipru msemija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.
- (3) Bis-saħħa tas-Sezzjoni 60(1)(a) tal-Liġi 34(I) ta' l-2007 li temenda l-Liġijiet tas-Central Bank of Cyprus ta' l-2002 u

l-2003, li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, l-istqarrijiet finanzjarji annwali tas-Central Bank of Cyprus huma vverifikati skond l-Artikolu 27 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

- (4) Is-Central Bank of Cyprus għażel lil PricewaterhouseCoopers Limited bħala l-awdituri esterni indipendenti għas-snin finanzjarji 2008 sa 2012,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikkmandat li PricewaterhouseCoopers Limited għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus għas-snin finanzjarji 2008 sa 2012.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-15 ta' Novembru 2007.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠUL 186, 18.7.2007, p. 29.